# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 18 ta' April, 2002**

**Numru**

**Citazz. numru: 6/96 TM**

**Philip u Dorothy konjugi Fava bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Claudia**

**vs**

**George Bellizzi**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata mill-atturi quddiem din il-Qorti fit-3 ta' Jannar, 1996 li fiha wara li ppremetta illi fis-16 ta' Jannar, 1995 filwaqt li l-minuri Claudia Fava kienet qed tittraversa Vjal il-helsien, Haz Zebbug, akkumpanjata minn Helen Hili hi sfat investita minn Truck Numru ta' Registrazzjoni F-3707 misjuq mill-konvenuti;

Billi b'rizultat ta' dan l-incident l-imsemmija minuri sofriet griehi personali konsiderevoli;

Billi ghal dan l-incident ghandu jirrispondi l-istess konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku;

Billi nonostante li gie interpellat ufficcjalment biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni l-istess konvenut baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

i) tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut kien responsabbli ghall-incident tas-16 ta' Jannar, 1995 fi Vjal Il-Helsien, Haz Zebbug, li fih sfat investita l-minuri Claudia Fava;

ii) tillikwida d-danni sofferti mill-istanti nomine okkerendo bl-operat ta' perit nominand;

iii) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istanti nomine s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru, 1995 u l-ittra legali tat-2 ta' Mejju, 1995 u tal-11 ta' Lulju, 1995 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet fejn fiha l-konvenut eccipixxa:-

i) Illi, relattivament ghall-ewwel talba attrici dina hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi ghall-incident 'de quo' ma kienx responsabbli l-eccipjent izda tort l-istess tifla Claudia Fava u l-istess Helen Hili li kienet qed takkumpanja t-tifla fit-traversar tat-triq.

ii) Illi, relattivament ghat-tieni talba attrici, dina ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjent.

iii) Illi, relattivament ghat-tielet talba attrici isegwi li dina ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante li ma hemmx danni li ghalihom il-konvenut ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti.

iv) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-partijiet,

Semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet u ezaminat id-dokumenti li gew prezentati,

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tikkoncerna incident li sehh fis-16 ta' Jannar, 1995, gewwa Vjal il-Helsien, Haz Zebbug. Certa Helen Hili kienet qed taqsam it-triq ma' zewgt itfal ta' haddiehor, Claudia Fava, li dak in-nhar ta' l-incident kellha seba' snin, u tifel iehor izghar minnha. L-imsemmija Helen Hili kienet qed izzomm idejn it-tfal, it-tifel fuq il-lemin u t-tifla fuq ix-xellug. Meta qasmet nofs it-triq, waqfet fin-nofs biex thalli l-karozzi jghaddu. Inzerta ghadda truck, u laqat lit-tifla fuq saqajha x-xellugija. Jirrizulta li filwaqt li l-mara u t-tifel kienu weqfin dritti f'nofs it-triq, it-tifla ccaqilqet il quddiem hekk kif kien gej it-truck.

Din il-Qorti ghandha simpatija kbira mal-vittma ta' l-incident, izda ma tistax issib tort tal-konvenut ghal dak li gara. Il-konvenut li kien qed isuq truck wiesa, kien ghaddej in-naha tieghu tat-triq bi speed li ma jirrizultax li kien eccessiv. Kienet anzi, Helen Hili, li fil-fehma ta' din il-Qorti, uriet traskuragni u negligenza kbira meta qasmet it-triq mhux minn fuq zebra crossing u meta t-triq ma kienetx libera ghal kollox. Hu veru li pedestrian ghandu dritt jaqsam triq, izda meta hemm zebra crossing ftit il boghod ghandu jinqeda b'dik il-crossing u mhux jaqsam minn band'ohra. Iz-zebra crossing kienet biss xi 200 metru 'l boghod minn fejn gara l-incident, u mehud kont li kellha, dak il-hin, il-kustodja ta' zewgt itfal zghar, kellha timxi sal-crossing u taqsam it-triq minn fuq l-istess crossing meta l-karozzi jieqfulha. Dan m'ghamlitux ghax, forsi ma riedetx thalli l-baby taghha hafna hin wahdu fi pram in-naha l-ohra tat-triq, izda jekk hu hekk, ma messietx

assumiet ir-responsabbilta' li tiehu hsieb it-tfal ta' haddiehor. Meta d-driver tac-char-a-banc staqsieha biex tiehu hsieb it-tfal messa jew qaltlu li ma setghetx, jew qaltlu biex hu inizzel it-tfal in-naha taghha tat-triq. Darba li accettat li tkun responsabbli ghat-tfal kellha tagixxi bl-aktar attenzjoni maghhom. Sfortunatament hawn hafna niex li juzaw it-triq li jippretendu li l-vetturi ghandhom jieqfulhom kull meta jidhrilhom li ghandhom jaqsmu. Issib nies li jimbuttaw il-pram quddiemhom qabel ma jaqsmu biex "igeghlu" il-karozzi jieqfu, jew, bhal f'dan il-kaz, ipoggu ruhhom f'post perikoluz f'nofs triq traffikuza biex, ukoll, it-trafikku ikollu jieqaf. Dan mhux mod kif wiehed jaqsam triq!

L-imsemmija Helen Hili riedet tehles u taqsam. Meta rat li ma kienux gejjin karozzi min-naha tal-lemin , qasmet sa nofs it-triq avolja rat karozzi gejjin min-naha tax-xellug. Ridet tistenna f'nofs it-triq sakemm it-triq man-naha tax-xellug tkun libera u tkun tista' tkompli taqsam. L-agir taghha kien, pero', inprudenti ghall-ahhar. Fit-triq in kwistjoni, ghalkemm wiesa', kien hemm karozzi pparkjati fiz-zewg nahat u vettura wahda biss setghet tghaddi minn kull lane. Fin-nofs ma kienx hemm central strip, izda biss linja bajda, u li tazzarda tieqaf f'nofs it-triq fuq dik il-linja b'karozzi jghaddu minn quddiem u minn wara, hu ghalkwantu perikoluz. Is-sinjura Hili poggiet lilha innifsha (u z-zewg itfal) f'pozizzjoni ta' periklu ghaliha u ghall-vetturi, ghax dawn oltre li jridu jikkontendu bit-traffiku, iridu wkoll jaghtu kaz mara b'zewgt itfal fin-nofs.

Oltre dan, kulhadd jaf li tfal zghar huma imprevedibbli, u meta jfettlilhom, jaghmlu xi mossa li ghan-nies ta' eta' maggorenni,

tkun azzardata. It-tfal ma jahsbuhomx u ghalhekk, aktar u aktar is-sinjura Hili ma kellhiex tkun f'nofs it-triq b'zewgt itfal zghar. It-tifla, fil-fatt, f'dan il-kaz, fetlilha, resqet sieqha x-xellugija l'quddiem, u laqatha tat-truck. Kieku fetlilha titlaq titlaq tigri minn id Helen Hili, il-konsegwenzi kienu jkunu ferm aktar tragici.

Il-konvenut ma ghamel xejn hazin. Ra lis-sinjura Hili u lit-tifla in-naha l-ohra tat-triq u ma stenniex li l-mara tkun daqshekk irresponsabbli li waqt li qed tarah gej, taqbad u taqsam. Il-mara waqfet fin-nofs, izda it-tifla, ta' tifla li hi, iccaqilqet u mxiet il quddiem. Hu laqatha bil-parti ta' quddiem tat-truck u mexa ftit sa ma waqaf. Id-driver, pero', inhasad u hu risaput li sakemm twaqqaf karozza trid l-ewwel tirreagixxi u ghal dan jghaddi ftit sekondi. It-truck ma halliex brakemarks peress li ma kienx ghaddej bi speed; ir-rih li hasset Helen Hili huwa naturali, ghax il-vettura hija kbira u dejjem thalli "drag" warajha. Meta rat it-truck, aktar u aktar ma kellhiex taqsam ghax messa kienet taf li truck kbir jiehu aktar spazju minn karozza u aktar ihalli rih hu u ghaddej. Jekk din Helen Hili ma ratx it-truck aktar u aktar ghamlet hazin meta qasmet it-triq minghajr ma tat kaz x'kien gej mix-xellug. Meta fit-triq ma hemmx central strip, it-triq trid tinqasam f'daqqa wahda u mhux bis-sulluzzu; ebda persuna ma ghandha tibda taqsam qabel ma tkun certa li tista' taqsam it-triq kollha bla hsara ghaliha u ghall-utenti tat-triq.

L-atturi allegaw li l-konvenut qabez il-linja tan-nofs meta laqat lit-tifla. Dan, pero', ma jirrizultax la mill-isketch (li juri l-kontra) u lanqas mix-xhieda. L-incident sehh ghax Helen Hili poggiet lit-

tfal fil-periklu f'nofs triq traffikuza, minghajr ma qieset x'seta jigri jekk xi hadd mit-tfal iccaqlaq, kif hu normali li jaghmlu t-tfal.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

IMHALLEF

D/Reg